

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja) fis-7 ta' Lulju 2011 — O, S vs Maahanmuuttovirasto**

(Kawża C-356/11)

(2011/C 269/74)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

**Qorti tar-rinviju**

Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: O, S

Konvenuta: Maahanmuuttovirasto

**Domandi preliminari**

- (1) L-Artikolu 20 TFUE jipprekludi li permess ta' residenza jiġi rrifjutat lil ċittadin ta' pajjiż terz minħabba li ma jkollux mezz ta' għajxien, f'sitwazzjoni tal-familja fejn il-konjuġi tiegħu għandha kustodja ta' wild li huwa ċittadin tal-Unjoni u fejn iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ma huwiex wieħed mill-ġenituri ta' dan il-wild u lanqas persuna li għandha d-dritt ta' kustodja?
- (2) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-impatt tal-Artikolu 20 TFUE huwa evalwat b'mod differenti meta ċittadin ta' pajjiż terz mingħajr permess ta' residenza, il-konjuġi tiegħu u l-wild li jinsab taħt il-kustodja ta' dan tal-aħħar u li għandu ċ-ċittadinanza tal-Unjoni, jgħixu taħt l-istess saqaf?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja) fis-7 ta' Lulju 2011 — Maahanmuuttovirasto vs L**

(Kawża C-357/11)

(2011/C 269/75)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

**Qorti tar-rinviju**

Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Maahanmuuttovirasto

Konvenut: L

**Domandi preliminari**

- (1) L-Artikolu 20 TFUE jipprekludi li permess ta' residenza jiġi rrifjutat lil ċittadin ta' pajjiż terz minħabba li huwa ma jkollux mezz ta' għixien, f'sitwazzjoni familjari fejn il-konjuġi tiegħu għandu l-kustodja ta' wild li huwa ċittadin tal-Unjoni u fejn iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ma huwiex ġenitur

ta' dan il-wild, ma għandux id-dritt ta' kustodja u lanqas ma għadu jgħix mal-konjuġi tiegħu jew ma' dan il-wild?

- (2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-impatt tal-Artikolu 20 TFUE jiġi evalwat b'mod differenti meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz mingħajr permess ta' residenza u li ma huwiex residenti fil-Finlandja, għandu, mal-konjuġi tiegħu, wild li għandu ċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz, residenti fil-Finlandja u mqiegħed taħt il-kustodja konġunta taż-żewġ ġenituri tiegħu?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja) fit-8 ta' Lulju 2011 — Lapin elinkeino-, liikenne- ja ympäristökeskuksen liikenne ja infrastruktuuri -vastualue**

(Kawża C-358/11)

(2011/C 269/76)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

**Qorti tar-rinviju**

Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Lapin elinkeino-, liikenne- ja ympäristökeskuksen liikenne ja infrastruktuuri -vastualue

Konvenuta: Lapin luonnonsuojelupiiri ry, Lapin elinkeino-, liikenne- ja ympäristökeskuksen ympäristö ja luonnonvarat -vastualue

**Domandi preliminari**

- (1) Huwa possibbli li, mill-fatt li skart huwa kklassifikat bħala skart perikoluż, jiġi dedott direttament li l-użu ta' [tali] sustanza jew ta' [tali] oġġett iwassal għal impatti ġenerali li jagħmel ħsara lill-ambjent jew lis-saħħa tal-bniedem fis-sens tal-Artikolu 6(1)(d) tad-Direttiva 2008/98/KE <sup>(1)</sup> dwar l-iskart? Skart perikoluż jista' wkoll ma jibqax skart jekk ir-rekwiżiti imposti mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98/KE jkunu sodissfati?
- (2) Għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' skart, u b'mod partikolari, tal-obbligu li artikolu jew sustanza jintremew, il-fatt li l-użu mill-ġdid ta' dan l-oġġett jew ta' din is-sustanza, li huwa suġġett għal evalwazzjoni, huwa awtorizzat taħt ċerti kundizzjonijiet fl-Anness XVII kif imsemmi fl-Artikolu 67 tar-Regolament REACH <sup>(2)</sup> huwa rilevanti u, jekk ikun il-każ, sa liema punt huwa rilevanti?
- (3) L-Artikolu 67 tar-Regolament REACH armonizza r-rekwiżiti dwar il-preparazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu fis-sens tal-Artikolu 128(2) tal-istess regolament, b'tali mod li l-użu ta' preparazzjonijiet jew ta' oġġetti msemmija fl-Anness XVII ma jistax jiġi prekluż abbażi ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-ħarsien ambjentali, sakemm il-limiti [previsti minn dawn id-dispożizzjonijiet] ma jinsabux fl-inventarju stabbilit mill-Kummissjoni, kif ipprovdut fl-Artikolu 67(3) tar-Regolament REACH?